**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

l-Erbgħa 11 ta' Mejju, 2022

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### AĠENDA Numru 42

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 44 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Erbgħa 18 ta' Mejju, 2022 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
44.5 Rapporti;
44.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
44.7 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali;
44.8 Approvazzjoni tal-Quarterly Report Jannar – Marzu 2022;
44.9 Servizz għal Xogħol fuq Proċessar ta' Tenders;
44.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
44.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-44 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa, 18 ta’ Mejju, 2022 fil-17:30, f’7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-18:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Charles Zerafa (bagħat apoloġija permezz t’e-mail) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

## 44.1 QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJA

44.1.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa bagħat korrispondenza li ma jistax jattendi għal-laqgħa.

44.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jaċċetta din l-apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 44.2 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>

44.2.1 Il-Minuti tat-42 u 43 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

44.2.2 Il- Viċi Sindku Patrick Bugeja ssekondat l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 44.3, 44.4 u 44.5 jiġu diskussi wara Minuta 44.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 44.6 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

44.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li saret is-snag list u qed nistennew lil perit jikkwantifika x-xogħol sabiex inkunu nistgħu ngħalqu l-parti tal-kostruzzjoni.

44.6.2 Kompla jinforma l-kamra li qed nistennew il-BOQ mill-perit fir-rigward tal-interior design u l-bandli sabiex ikunu jistgħu jinħarġu t-tenders fir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 44.7 AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U UFFIĊJAL EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL LOKALI

44.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li ġejna nfurmati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li s-sejħiet għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv huma temporanjament sospiżi minħabba li jridu jirrevedu kif tinħareġ is-sejħa.

44.7.2 Fir-rigward tan-nomina tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv irċivejna l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-persuna konċernata tibda taġixxi b'effett mit-28 ta' Ġunju 2022.

44.7.3 Fir-rigward tal-Uffiċjal Eżekuttiv l-kamra ġiet infurmata li nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju saret l-intervista għall-applikanta li kelna. Fir-rapport tal-bord jidher li din il-persuna ġiet meqjusa bħala kwalifikata.

44.7.3.1 Is-Sindku nforma l-kamra li l-persuna konċernata kellha xi diffikultajiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u għandna nirċievu risposta mingħandha biex naraw jekk għadhiex interessata fil-kariga jew le.

## 44.08 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY REPORT JANNAR-MARZU 2022

44.08.1 Is-Sindku David Schembri ta l-keamra lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, fejn din informat il-Kunsill li skont ir-rapport tal-ewwel kwart tas-sena jidher li l-qagħda finanzjarja hija waħda tajba minħabba li l-ħruġ kien inqas mid-dħul u għalhekk jirriżulta f'surplus.

44.08.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu japprova dan il-Quarterly Report Jannar-Marzu 2022.

44.08.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 44.09 SERVIZZ GĦAL XOGĦOL FUQ PROĊESSAR TA' TENDERS

44.09.1 Is-Sindku David Schembri nforma l-kamra li l-persuna li ġiet approvata sabiex toffri dan is-servizz infurmatna li ma għadhiex interessata toffri s-servizzi tagħha.

44.09.2 Għalhekk is-Sindku ppropona li għandna nikkuntatjaw il-persuna li ukoll ikkwotat għal tali servizzi sabiex nibdew naħdmu magħha.

44.09.3 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja ssekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 44.03 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

44.3.1 Is-Sindku nforma l-kamra li bħala Kunsill issottomejna applikazzjoni mal-GAL Xlokk fir-rigward ta' Miżura 1 għar-restawr ta' nkwatru u kurċifiss ġewwa s-Santwarju tal-Ħniena.

44.3.1.1 Huwa tkellem ukoll dwar il-possibilita' li toħroġ miżura oħra fejn inkunu nistgħu napplikaw sabiex isir ktieb fuq ir-raħal tal-Qrendi. Talab sabiex jiġi approvata bħala project leader.

44.3.1.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

44.3.2 Is-Sindku nforma l-kamra li rċivejna komunikat minn Transport Malta dwar approvazjoni għal charging pillars fi Triq Dwardu Borg. B'mod unanimu l-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex isiru.

44.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ittra legali li l-Kunsill irċieva dwar il-kwistjoni tal-ħajt tas-sejjiegħ f'Tal-Fulija. Huwa qal li wara li rċivejna rapport mill-perit, għaddejna kollox lill-avukat sabiex tifforma kontro-risposta.

44.3.4 Is-Sindku nforma l-kamra li attenda numru ta' laqgħat tar-Reġjun Punent dwar l-immaniġjar tal-iskart fejn bħalissa qed jiddiskutu fuq il-ħruġ tat-tender għal ġbir ta' skart minħabba li issa dawn ser jibdew isiru mir-reġjun stess. Saret diskussjoni fir-rigward, fejn is-Sindku ta spjegazzjoni

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

dwar il-proċess li jrid isir.

44.3.5 Tkellem ukoll dwar attivita' li saret mat-tfal tal-iskola fit-Torri Xutu nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju fejn kellhom sezzjoni informattiva dwar l-istess Torri. Filwaqt li l-Erbgħa 18 ta' Mejju sar il-launch tal-ktieb fejn preżenti kien hemm l-awtur, kif ukoll rappreżentanti ta' Din l-Art Ħelwa.

44.3.6 Is-Sindku David Schembri nforma l-kamra li għall-istedina ta' Andrychow il-Polonja ser ikunu qed jattendu hu flimkien mal-Kunsillier Charles Zerafa. Għal din il-vista ser ikun hemm tmien (8) pajjiżi.

44.3.6.1 Is-Sindku nforma li bħala Kunsill irridu nippreparaw preżentazzjoni fuq ir-raħal. Is-Sindku ppropona li nkelmu żagħżugħ mir-raħal li huwa prominenti ħafna fuq dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

44.3.7 Fir-rigward ta' Triq il-Ġwiewel, qal li hemm xaqq ta' dawl u jidher li jistgħa jkun hemm soluzzjoni biex issir. Infrastructure Malta qed tara x'jistgħa jsir fir-rigward.

44.3.8 Is-Sindku irringrazzja lil Michael Vella għad-donazzjoni tal-ktieb 'The Flight of the Arctic Fox' li l-Kunsill rċieva għal-librerija.

## 44.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

44.4.1 Il-Viċi Sindku, Patrick Bugeja tkellem dwar il-Festival tal-Patata 2023, fejn informa l-kamra li l-unika data li jistgħa jsir huwa 14 ta' Mejju. Għandu jsir komunikat mal-operaturi tal-patata dwar id-data sabiex inkunu nistgħu nibdew naħdmu fuqu.

44.4.2 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-possibilita' li x-xatbiet tal-Ġnien tal-Warda isirulhom serraturi aktar siguri sabiex ma jkunux jistgħu jinfetħu minn tfal żgħar.

44.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet dwar il-possibilita' li ssir sleeping policeman fi Triq it-Torri. Is-Sindku nfurmaha li din għandha tiġi diskussa waqt laqgħa oħra tal-Kunsill.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

44.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet ukoll dwar l-attivita' li saret nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju 2022 fl-iskola Primarja fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-ktieb 'Caring for Paws and Claws' fejn il-ktieb intlaqat tajjeb ħafna kemm mill-istudenti kif ukoll mill-ġenituri tagħhom.

44.4.4.1 Kompliet tgħid li ġiet mistiedna fuq stazzjon tat-televiżjoni sabiex jitkelmu dwar dan l-istess ktieb.

44.4.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill issottometta t-talba fir-rigward tal-iskema LC Care 2020/2021.

## 44 .5 RAPPORTI

44.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 44.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

44.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €26,027.68 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/22 u €135.78 skont il-Petty Cash Ref Z/04.

44.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet jiġu approvati.

44.10.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia issekonda din il-proposta.

44.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 44.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

44.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:30 u ġiet aġġornata għat-Tnejn 20 ta’ Ġunju, 2022 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| **Stephania Grixti** | **David Schembri** |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |